**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

**Laqgħa Numru 68** **Nhar it-Tlieta 23 t'April 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5:30pm.

**PREŻENTI:**

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion – Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Ian Buhagiar- Kunsillier
Jessica Borg- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Mario Azzopardi - Kunsillier
Hugh Caruana - Kunsillier

**ASSENTI**
Alex Calleja Zammit - Kunsillier
Jeremy Cardona - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Mandy Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti - is-Sindku Conrad Borg Manche, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillera: Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Jessica Borg. Fil-bidu tal-laqgħa ngħaqad ukoll l-awditur is-Sur Daniel Galea

***Fil-bidu tal-laqgħa, permezz ta' 'meeting online', ngħaqad is-Sur Daniel Galea biex jitkellem fuq il-Financial Statements tat-2023:***

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira spiċċa b'surplus ta' Eur 61,835 fl-2023. Il-Kunsill daħħal iktar milli ħareġ. Is-Sur Daniel Galea kompla jispjega wkoll id-dħul u l-ħruġ li sar relatat mal-Kunsill fis-sena 2023. Il-Kunsill għandu wkoll Eur 245,355 imġemma għall-proġetti, għal xogħol jew investimenti li wieħed jista' jipproponi għas-snin li ġejjin.

**68.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

68.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fil-ħamsa w nofs ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sur Conrad Manche beda l-laqgħa b'talba.

68.1.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet ittra waħda ta' apoloġija, mingħand il-Kunsillier Mario Azzopardi. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

**68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**
**Korrezzjonijiet u xogħol li jrid isir.**

68.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 67 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

68.2.2 Il-Kunsillier Neville Chetcuti staqsa fuq il-punt tal-BCRS u d-Deputat Segretarju tal-Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia bagħtulhom u jaċċettaw li jersqu.

68.2.3 Il-Kunsillier Neville Chetcuti staqsa wkoll fuq kif il-Kunsill baqa' rigward il-letterbox il-ġdida li tweħlet. Il-Kunsill ċempel lil tal-letter boxes u qalulhom li "it's against appeal" u li jkollu jħallas il-Kunsill għaliha biex titressaq. Il-Kunsill ma qabilx għax l-iżball fejn tweħlet saret min-naħa tagħhom u mhux l-għażla tal-Kunsill.

68.2.4 Il-Viċi-Sindku Ralph Mangion jirreferi għal punt 67.5.1 fejn jikkummenta li t-tarmac sar tajjeb. Wara jagħmel aċċenn għal Triq St. Albert fejn jistaqsi lill-kumplament tal-Kunsill jekk ix-xogħol sarx. Il-kumplament tal-Kunsill jispjegalu li x-xogħol hemmhekk għadu mhux lest u ser ikompli. Tissemma Triq Moroni fejn minkejja li x-xogħol lest, iż-żebgħa tal-parkeġġ għadu ma sarx.

68.2.5 Il-Viċi-Sindku Ralph Mangion jikkummentaw wkoll li l-pots il-ġodda li saru qed jimtlew bis-sigaretti. B'hekk sar qbil l idawn għandhom jiġu kkultivati u li għandu jitweħħlu l-ashtrays. Il-Kunsillier Neville Chetcuti kkummenta wkoll li kien hemm xi xogħlijiet qed isiru fl-istess triq u l-ħaddiema ressqu l-pots u mlewhom bil-ħmieġ.

68.2.6 Fuq proposta tal-Viċi-Sindku Ralph Mangion issekondat mill-Kunsillier is-Sur Ian Buhagiar, il-minuti tal-laqgħa numru 67 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**68.3 Korrespondenza mis-Sindku**

68.3.1 Il-kunsill ġie avviċinat mir-Reġjun rigward intervista ta' xi residenti biex jitkellmu fuq il-lokalita. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li nstabet persuna fejn ħa jitkellem fuq il-lokalita' u l-parroċċa.

68.3.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tgħid li rċevew ittra mill-avukat rigward aċċident li sar fejn waqgħet Bus Stop fuq karozza. Is-Sindku jistaqsi jekk humiex 'insured'. Il-Kunsill jaqbel li l-Bus S tiq taqa' taħt it-Transport Malta u mhux taħt il-Kunsill.

68.3.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tgħid li rċevew proposta għall-esebizzjoni biex issir launch ix-Xatt tal-Gżira.

68.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Neville Chetcuti isemmi wkoll il-każ ta' żewġ pots kbar fl-kantuniera ta' Triq Carlo Manche' biex il-karozzi ma jipparkjawx meta jdur.

68.3.6 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tgħid li s-safra ta' Fabian, Cathleen u Shirley kienet ta' suċċess. Malli ġew kellhom laqgħa fil-Parlament. Dawn telgħu f'isem il-Gżira.

68.3.7 Il-Kunsilliera Jessica Borg tistaqsi fuq il-librerija tal-iskola u s-Sindku jgħidilha li qed jitweħħel il-gypsum boards u l-madum lest.

**68.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

68.4.1 Il-Kunsillier ippropona l-iskeda tal-pagamentii. Il-Kunsillier Ralph Mangion issekondah Il-Kunsillier Neville Chetcuti.

**68.5 Tmiem tal-laqgħa**

68.5.1 Il-laqgħa intemmet għall-ħabta tas-6:20p.m. Is-seduta li jmiss se tkun aggornata ghal nhar 21 ta' Mejju 2024.

Konfermati llum 23 t'April 2024

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Conrad Borg Manche | Mandy Farrugia |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |